

# ĦUTTAF, ĦAWWIEF U RUNDUN

Il-ħuttaf, il-ħawwief u r-rundun huma għasafar li għandhom titjira ħafifa. Huma għasafar kemmxejn tawwalin u rqaq. Il-Ħuttaf (Swallow) u l-Ħawwief (House Martin) għandhom denbhom jispiċċa bħal furketta, u ġwinħajhom twal u bil-ponta. Dawn għandhom geddum qasir li jinfetaħ ħafna biex jippermettilhom jaqbdu l-insetti waqt li jkunu qed itiru. Ir-Rundun (Swift) għandu ġwienaħ twal u qishom minġel, filwaqt li denbu huwa qasir.





*Ħuttaf*

## IL-ĦUTTAF

Il-ħuttaf huwa twil madwar 19cm. Dan jingħaraf mid-denb li jispiċċa qiesu furketta b'żewġ ponot twal għax iż-żewġ rixiet ta' barra tad-denb huma ħafna itwal mill-oħrajn. Minn fuq il-ħuttaf huwa ta' kulur blu skur metalliku u għandu l-parti ta' quddiem ir-ras u għonqu kannella fl-aħmar b'burdura sewda fil-blu taħt l-għonq. Minn taħt il-ħuttaf huwa abjad fil-krema. Dan jingħaraf mill-ħawwief għax dawn ta' l-aħħar ma għandhomx iż-żewġ rixiet ta' barra tad-denb twal. Barra minnhekk il-ħawwief għandhom taħt geddumhom u fuq denbhom abjad. Il- ħuttaf jingħaraf ukoll mir-rundun għax dan ta' l-aħħar huwa skur kollu kemm hu.

Hawn Malta il-ħuttaf hu komuni ħafna fil-passa. Dawn nistgħu narawhom mill-aħħar ta' Frar sal-bidu ta' Ġunju, u mill-aħħar ta' Awissu sa nofs Novembru. Mijiet ta' ħuttaf u ħawwief spiss jinġabru fejn ikun l-ilma. Dawn jagħtu wirjiet sbieħ ta' akrobazija fit-titjir u huwa l-mument tajjeb biex wieħed josservahom fil-qrib.

Ħuttafa oħra li wieħed jista' jara hawn Malta hija r-Reġina tal-Ħuttaf (Red-rumped Swallow). Din ma tantx hi komuni hawn Malta u tidher bejn Marzu u Mejju. Fil-ħarifa hi rari ħafna.

## IL-ĦAWWIEF

Il-ħawwief huwa madwar 13cm twil. Dan, kif diġa għedna għandu dabra bajda silġ fuq denbu. Minn taħt huwa abjad ukoll. Rasu, dahru ġwienħajh u denbu huma suwed fil-blu. Denbu wkoll jispiċċa b'żewġ ponot iżda dawn mhumiex twal bħal tal-ħuttaf u ma għandhomx iż-żewġ rixiet ta' barra tad-denb twal. Is-saqajn tal-ħawwief huma wkoll miksijin b'rix zgħir abjad.



*Ħawwief*

Il-ħawwief huma komuni ħafna fir-rebbiegħa u jibda jidher min-nofs Frar sa nofs Gunju. Fil-ħarifa mhux daqshekk komuni u jidher mill-aħħar ta' Awissu sa l-aħħar ta' Novembru.

Ħawwiefa oħra li naraw hawn Malta hija l-Ħawwiefa tax-Xtut (Sand Martin) li hi komuni minn Marzu sa Mejju u f'numru iżgħar bejn Awissu w Ottubru. Tixbaħ ħafna lill-ħawwiefa iżda flok sewda fil-blu hija kannella. Ma għandhiex dabra bajda fuq denbha u fuq sidirha għandha faxx kannella wkoll.



*Ħawwief tax-Xtut*

## IR-RUNDUN

Ir-rundun huwa twil madwar 17cm. Dan jingħaraf mill-ħuttaf u l-ħawwief mill-ġwienah b'forma ta' minġel meta jtir. Huwa iswed kollu, iżda għandu dabra żgħira bajda taħt geddumu, li rari tkun tidher. Denbu hu qasir u jispiċċa wkoll b'żewġ ponot. Għandu titjira mgħaġġla u distintiva. Ir-rundun itir b'daqqiet mgħaġġla tal-ġwienah. Hawn Malta nistgħu narawh komuni ħafna u f'numru kbir minn Marzu sa Ottubru, u f'numri akbar minn Mejju sa Awissu. Żewġ speċi oħra ta' rundun li nistgħu naraw hawn Malta huma r-Rundun Kannella (Pallid Swift) u r-Rundun Żaqqu Bajda (Alpine Swift).



*Rundun*

Il-ħuttaf, il-ħawwief u r-rundun huma kollha għasafar li jgħinu l-bniedem fil-kontroll ta' l-insetti. Huma għasafar protetti bil-ligi u ħadd ma jista' jaqbadhom jew jisparalhom u/jew iżommhom u/jew jibbalzmahom.